MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2009

Numru. 121/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Lucio Scriha bin Michael u Alexandra nee' Lowell, imwieled fil-11 ta' Gunju, 1986 u residenti 2, Endor, Triq il-Maqdes ta' Gunu, Marsaxlokk, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 265686(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Lucio Scriha li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' 22:30hrs fi Triq Dicembru Tlettax, Nadur, Ghawdex waqt il-karnival spontanju:

1) B’gesti, jew le, jew b’xi mezz iehor vizibbli, kasbar pubblikament ir-Religjon Kattolika Apostolika Rumana, illi hija r-religjon ta’ Malta, inkella offenda r-Religjon Kattolika Apostolika Rumana billi kasbar lil dawk li huma ta’ din ir-religjon jew lill-ministri taghha, jew kull haga li tkun oggett ta’ devozzjoni tar-religjon Kattolika Rumana jew li tkun ikkonsograta jew iddestinata biss ghad-devozzjoni ta’ din ir-religjon;
2) Ukoll talli minghajr permess jew kontra l-projbizzjoni ta’ l-awtorita’ kompetenti, libes abiti sagri (soru);

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti rrizulta illi l-imputat kien liebes libsa sewda b’fardal abjad u maktur iswed bl-abjad li certament ma jammontawx ghal xi abiti sagri. Inoltre lanqas ma rrizulta illi l-imputat kien qieghed f’xi hin jaghmel xi gesti oxxeni jew li kien qed ikasbar ir-Religjon Kattolika. Jirrizulta illi lanqas kien liebes xi salib, kurcifiss jew xi oggett iehor konness mar-Religjon Kattolika

Kwindi l-akkuzi ma jirrizultaw ippruvati u l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dawn l-akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------